

It-tielet nett, ir-rikorrenti ssostni li l-impożizzjoni tal-multa fuqha ser tikkawża direttament il-falliment tagħha kif ukoll l-eliminazzjoni tagħha bħala kompetitur fis-suq rilevanti. B'hekk, skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 3(1)(g) KE peress li kkawżat id-distorsjoni jew l-eliminazzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq rilevanti.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Association Fédération Club B2A

(Kawża T-356/09)

(2009/C 267/139)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A.-M. Rouchaud-Joët u N. Bambara, aġenti, assistiti minn E. Bouttier, avokat)

Konvenuta: Association Fédération Club B2A (Étupes, Franza)

Talbiet tar-rikorrenti

— tikkundanna lil Fédération, irrappreżentata mill-President tagħha, tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' EUR [...] li jikkorrispondi għas-somma prinċipali ta' EUR 62 500 u għas-somma ta' EUR [...] bħala interessi moratorji dovuti fil-[-...];

— tikkundanna lil Fédération tħallas is-somma ta' EUR 7 000 sabiex tkopri l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tirkupra d-dejn tagħha;

— tikkundanna lil Fédération għall-ispejjeż tal-kawża preżenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-Komunità Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni, ikkonkludiet mal-konvenuta kuntratt ta' sussidju dwar proġett ta' "ħolqien u ġestjoni ta' federazzjoni Grand Est ta' netwerks reġjunali ta' Business Angels". Il-proġett, li matulu l-Kummissjoni ħallset, bħala depożitu, is-somma ta' EUR 625 000 lill-konvenuta, ġie komplut fit-30 ta' Settembru 2002.

F'dan il-kuntratt, il-konvenuta intrabtet, *inter alia*, li tipprovdi rapport finali. Peress li ġie ppreżentat rapport mhux komplut, il-Kummissjoni intimat lill-konvenuta sabiex tippreżenta rapport

konformi mal-għanijiet. Peress li l-konvenuta ma wegħbitx għal din l-intimazzjoni, kif ukoll għal numru ta' ittri oħra, il-Kummissjoni indirizzat nota ta' debitu u sussegwentement ordni ta' rkupru tal-ammont ta' EUR 62 500 lill-konvenuta.

Peress li dan id-dejn għadu dovut, il-Kummissjoni titlob li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallas is-somma dovuta kif ukoll kumpens għad-dannu subit sabiex tkopri l-ispejjeż kollha li l-Kummissjoni kellha ssostni sabiex tirkupra d-dejn tagħha billi tinvoka dan li ġej: i) il-konvenuta ma osservatx l-obbligi tagħha previsti fil-kuntratt billi ma ppreżentatx rapport finali komplut u ii) il-ħlas tas-somma ta' EUR 62 500 magħmul mill-Kummissjoni sar bħala depożitu sakemm jiġi approvat ir-rapport finali.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2009 — Pucci International vs UASI — El Corte Inglés (Emidio Tucci)

(Kawża T-357/09)

(2009/C 267/140)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Emilio Pucci International BV (Baarn, l-Olanda) (rappreżentanti: M. Boletto, E. Gavuzzi, G. Lazzeretti u P. Roncaglia, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: El Corte Inglés, SA (Madrid, Spanja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-18 ta' Ġunju 2009 fil-Każijiet magħquda R 770/2008-2 u R 826/2008-2, sa fejn din taċċetta l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 3 679 594 "Emidio Tucci" għall-prodotti u servizzi kollha li hija tkopri fil-klassijiet 1, 2, 4-17, 19, 20, 21, 22, 23, 26-45.

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż li għamlet ir-rikorrenti matul dawn il-proċeduri; u

— tikkundanna lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż li għamlet ir-rikorrenti matul il-proċeduri quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u l-Bord tal-Appell tal-UASI.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva “Emidio Tucci”, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 1-45.

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat: Reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja figurattiva “Emilio Pucci” irreġistrata għal prodotti fil-klassijiet 18 u 24; reġistrazzjoni tat-trade mark verbali Taljana “EMILIO PUCCI” irreġistrata għal prodotti fil-klassijiet 3, 14, 18, 21, 24, 25 u 33; reġistrazzjoni tat-trade mark verbali Taljana “EMILIO PUCCI” irreġistrata għal prodotti fil-klassijiet 9, 12, 18, 20, 26, 27 u 34; reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva Taljana “Emilio Pucci” irreġistrata għal prodotti fil-klassijiet 14, 18, 24 u 25.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni milqugħa parzjalment

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell milqugħ parzjalment fil-Każijiet R 826/2008-2 u R 770/2008-2; u appell miċħud għall-kumplament.

Motivi invokati: Ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell wettaq żball meta kkonkluda li dawn id-dispożizzjonijiet ġuridiċi ma setgħux japplikaw għall-prodotti u s-servizzi koperti mit-trade mark Komunitarja kkonċernata fil-klassijiet 1, 2, 4-17, 19, 20, 21 (in parti), 22,23 u 26-45.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2009 — Sociedad Agrícola Requiringa vs UASI — Consejo Regulador de la Denominación de Origen Toro (TORO DE PIEDRA)

(Kawża T-358/09)

(2009/C 267/141)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti Sociedad Agrícola Requiringa Ltda (Santiago, Ċili)
(rappreżentant: E. Vorbuchner, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell: Consejo Regulador de la Denominación de Origen Toro (Toro, Spanja)

Talbiet tar-rikorrenti

— Tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-18 ta' Ġunju 2009 fil-Każ R 1117/2008-2;

— Tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, jiġifieri l-ispejjeż tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni, tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell u ta' dawn il-proċeduri; u

— Tikkundanna lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż tagħha.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali “TORO DE PIEDRA”, għal prodotti fil-klassi 33

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat: reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja tat-trade mark figurattiva “D. ORIGEN TORO” għal prodotti fil-klassi 33; reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva “Denominación de Origen TORO” għal prodotti fil-klassi 33

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill 207/2009 peress li l-Bord tal-Appell żbalja meta ddikjara li hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks ikkonċernati; ksur tal-Artikolu 75(2) tar-Regolament tal-Kunsill 207/2009 u tad-dritt ta' smiġħ peress li l-Bord tal-Appell naqas milli jisma' l-aħħar sottomissjonijiet tar-rikorrenti; ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni skont l-Artikolu 75(1) tar-Regolament tal-Kunsill 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell naqas milli jagħti raġunijiet għaliex astjena milli jieħu inkunsiderazzjoni l-aħħar sottomissjonijiet tar-rikorrenti.